**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. NOEL ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar Hamis, 19 ta' April 2001.**

**Numru**

**Att ta' akkuza Numru 14/97**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Andrew Buhagiar**

**Il-Qorti;**

Din hija sentenza fuq appell interpost minn Andrew Buhagiar misjub hati kontra s-sentenza moghtija kontrih mill-Onorabbli Qorti Kriminali fil-5 ta' Mejju 1998, liema sentenza taqra kif gej :-

"Il-Qorti,

Rat l-Att ta' Akkuza 14/97;

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali ppresentata fl-udjenza tal-bierah li permezz taghha l-istess Avukat Generali ceda u rtira it-tielet kap fl-imsemmi Att ta' Akkuza, kif ukoll ceda u rtira l-addebitu tar-recidiva a bazi tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-18 ta' Gunju, 1992 fil-konfront tal-akkuzat kull fejn din tirrikorri fl-imsemmi Att ta' Akkuza;

Semghet lill-akkuzat Andrew Buhagiar jammetti, fl-udjenza tal-bierah, il-htija tieghu skond l-Att ta' Akkuza kif emendat bin-nota ta' l-Avukat Generali aktar 'l fuq imsemmija f'liema ammissjoni huwa ppersista anke wara li gie mwissi skond l-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 u nghata zmien biex jerga lura minn dik l-ammissjoni;

Tiddikjara lill-imsemmi Andrew Buhagiar hati talli forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura id-droga erojina u kokajina bi ksur tal-ligi, u dan skond l-Ewwel Kap tal-imsemmi Att ta' Akkuza; tiddikjarah ukoll hati talli kellu fil-pussess tieghu id-droga erojina u kokajina bi ksur tal-ligi, u dan skond it-tieni Kap tal-Att imsemmi; in vista tan-nota ta' l-Avukat Generali, tastjeni milli tiehu konjizzjoni

ulterjuri tat-tielet kap; tiddikjarah ukoll hati li kkommetta l-imsemmija reati fil-periodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-24 ta' Novembru (mhux Ottubru, kif erroneament indikat fl-Att ta' Akkuza), 1995 fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Raymond Vella Gregory) vs Andrew Buhagiar"; fl-ahhar nett tiddikjarah hati wkoll li bir-reati imsemmija, kiser il-kundizzjoni ta' Ordni ta' Probation maghmul fil-konfront tieghu bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-28 ta' Novembru, 1994 fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur John Mifsud) vs Andrew Buhagiar";

Semghet il-provi mressqa mill-hati a rigward tal-piena; semghet lill-avukati difensuri kif ukoll lill-avukat prosekutur dwar l-istess; hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluza l-gravita' tar-reati u z-zmien li matulhom twettqu, il-fatt li fl-ahhar, meta l-hati gie rinfaccjat, bil-gravita' tar-reati kollha meritu ta' din il-kawza, jidher li beda jiehu r-riabilitazzjoni tieghu bis-serjeta', kif ukoll il-fatt li f'din il-kawza hu ghazel li jammetti (u f'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza taghha tal-24 ta' Frar, 1997, fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta vs Nicholas Azzopardi"); hadet in konsiderazzjoni wkoll iz-zmien li hu ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dan il-kaz;

Rat l-Artikoli 2, 9, 10, 12, 20, 22 (1)(a)(i)(ii)(1B) (2)(a)(3A)(d)(9) tal-Kap. 101; ir-reguli 4(a) u 8 tar-Reguli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Medicini Perikoluzi; l-Artikoli 11,17(h), 22, 23, 28B, 28C u 533 tal-Kodici Kriminali; u l-Artikolu 10 tal-Kap. 152;

Tikkundanna lill-imsemmi Andrew Buhagiar ghall-piena ta' tmien (8) snin prigunerija mil-lum u multa ta' sebat elef lira (Lm7,000), konvertibbli f'sitt xhur prigunerija f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi; tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli ohra, u tal-propjeta' immobbli kollha tal-istess Andrew Buhagiar ukoll jekk il-propjeta' immobbli minn meta gie akkuzat ghaddiet ghand terzi persuni; tordna li ghandha tibda ssehh is-sentenza ta' sentejn prigunerija moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-24 ta' Novembru, 1995 fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Raymond Vella Gregory) vs Andrew Buhagiar", kemm -il darba din is-sentenza ma gietx attivata b'xi sentenza ohra, fl-ahharnett, tibghat lil Andrew Buhagiar quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex dik il-qorti titratta mieghu ghall-ksur ta' l-Ordni ta' Probation maghmul bis-sentenza tat-28 ta' Novembru, 1994 fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur John Mifsud) vs Andrew Buhagiar."

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga li talvolta tinsab ezibita taht l-awtorita' taghha in konnessjoni ma dan il-kaz, u dan fi zmien gimghatejn mil-lum; id-distruzzjoni ghandha ssir mir-Registratur li ghandu jinserixxi proces-verbal relattiv fl-atti ta' din il-kawza.**”**

L-appellant ipprezenta r-rikors tal-appell tieghu fit-22 ta’ Mejju 1998 u bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi filwaqt li ssibu hati skond l-ammissjoni tieghu tirriduci l-perjodu tal-piena karcerarja u l-multa inflitta u tiddeciedi li s-sentenza tal-24 ta’ Novembru

1995 il-Pulizija vs Andrew Buhagiar diga' giet attivata b'ordni tal-Qorti kompetenti u li l-ordni ta' probation maghmul bis-sentenza tat-28 ta' Novembru 1994 gie wkoll attivat b'ordni ta' sentenza ohra tal-Qorti kompetenti u dan sab rimedji ohra li din il-Qorti tista' talvota tapplika skond il-ligi.

Din il-Qorti ser tibda bl-ahhar wiehed miz-zewg aggravji li ghandu l-appellant u cioe' dak li jirrigwarda s-"suspended sentence" u l-ordni tal-probation li kienu nghatawlu fin-1995 u 1994 rispettivament. Is-sottomissjoni tieghu hija illi dawn ma kienux applikabbli fil-kaz prezenti peress illi l-Qorti f'kazijiet ohra tieghu, cioe' kontrih, gja' hadithom in konsiderazzjoni u attivathom u ghalhekk ma jistghux jergghu jigu attivati mill-gdid.

Verament din il-Qorti tirrileva illi d-decizjoni appellata hija kkwalifikata fir-rigward ta' dawn iz-zewg provvedimenti li ssemmew cioe' dik tas-suspended sentence moghtija fl-24 ta' Novembru 1995 fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Raymond Vella Gregory) vs Andrew Buhagiar" kif ukoll dik ta' ordni ta' probation moghtija fis-sentenza tat-28 ta' Novembru 1994 fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur John Mifsud) vs Andrew Buhagiar" billi qalet illi dawn jigu attivati kemm-il darba l-appellant ma giex trattat ghalihom diga'. In realta' l-parti relattiva tas-sentenza tghid hekk "tordna li ghandha tibda ssehh is-sentenza ta' sentenza prigunerija moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-24 ta' Novembru 1995 fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Raymond Vella Gregory) vs Andrew Buhagiar", kemm-il darba din is-sentenza ma gietx attivata b'xi sentenza ohra, fl-ahharnett tibghat lill-Anthony Buhagiar quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex dik il-Qorti titratta mieghu ghall-ksur ta' ordni ta' probation maghmul bis-sentenza tat-28 ta' Novembru 1994, fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur John Mifsud) vs Andrew Buhagiar".

Din il-Qorti kienet tistenna verament illi jigu prodotti kopji tas-sentenzi relativi una volta l-appellant qed jinsisti illi dawn il-provvedimenti ma kellhomx japplikaw fil-kaz tieghu billi gie gia trattat ghall-ksur imsemmi. Giet inveci prodotta il-fedina penali aggornata tieghu li minnha hemm jirrizulta illi b'sentenza tal-5 ta' Mejju 1998 huwa gie misjub hati li kiser il-kondizzjoni imposta fuqu permezz tas-sentenza tal-24 ta' Ottubru 1995 – wiehed jinnota illi hawnhekk hawn Ottubru mentri fl-atti processwali 'l ohra jissemma' Novembru pero' din il-Qorti m'ghandhiex raguni ghax tahseb li si tratta ta' xi sentenza ohra u effettivament bis-sentenza msemmija tal-5 ta' Mejju 1998 gie deciz li tibda fis-sehh is-sentenza sospiza li ghaliha jirreferu l-atti processwali tal-lum. Pero' din hija s-sentenza appellata stess u ghalhekk m'hemmx aktar x'jinghad billi ma hemmx sentenzi ohra fejn jidher li sar l-istess. Aktar 'il quddiem pero' din il-Qorti ser tikkonsidra hux il-kaz li tvarja l-ordni ta' l-ewwel Qorti.

Kwantu jirrigwarda il-ksur tal-kundizzjonijiet moghtija mill-Qorti tal-Magistrati bis-sentenza tat-28 ta' Novembru 1994 jidher illi huwa gie trattat ghaliha b'sentenza moghtija fl-20 ta' Novembru 1998 almenu minn kif jirrizulta min fol. 4 u 5 tal-fedina penali prezentata u ghalhekk mhux il-kaz illi jerga' jigi trattat ghaliha. Hawnhekk, allura qed tigi revokata s-sentenza appellata in kwantu ordnat li tibghat lil Andrew Buhagiar quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) biex titratta mieghu ghall-ksur ta' ordni ta' probation maghmul bis-

sentenza tat-28 ta' Novembru 1994 fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Andrew Buhagiar". Jibqa' s'intendi l-aggravju principali tal-appell li jirrigwarda l-piena li nghatat mill-ewwel Onorabbli Qorti.

L-appellant jissottometti bir-rispett illi t-terminu ta' prigunerija inflitta fuqu ma jirriflettix id-diversi fatturi li hargu mill-provi u li kellhom skond hu jittiehdu in konsiderazzjoni bhala fatturi mitigandi. Fost dawn ir-ragunijiet jew fatturi huwa jissottometti dawn li gejjin :-

(1) Illi t-tieni Kap tal-Att tal-Akkuza jidher hu delitt kompriz u involut fl-ewwel Kap. Delitt ta' traffikar ma' jista' qatt ikollu ezistenza legali jekk l-akkuzat ma jkunx fil-pussess tad-droga. Kwindi ghall-fini tal-piena, d-delitt tal-pussess hu kompriz u nvolut fid-delitt tat-traffikar.

(2) Li huwa ammetta l-akkuza u ghalhekk dan kellu jittiehed in konsiderazzjoni bhala fattur biex tigi ridotta l-piena.

(3) Illi huwa kwazi ghamel disa' xhur f'arrest preventiv kif ukoll 'il fuq minn ghaxar xhur f'programm ta' rijabilitazzjoni, liema perjodi ma gewx ordnati li jigu mnaqqsa mill-perjodu ta' karcerazzjoni inflitta.

(4) Illi huwa kellu l-problema tad-droga li pprova johrog minnha u li r-reati li ammetta gew kommessi fl-isfond ta' din il-problema kbira illi kellu li kellha tkun sufficjenti biex l-ewwel Onorabbli Qorti tirrejalizza illi huwa mhuwiex bhat-traffikanti 'l ohra imma huwa persuna li kienet qed titraffika minhabba illi kellha problema tad-droga hi stess u ghalhekk kien qed jittraffika biex effettivament jiffinanzja l-problema tieghu.

5. Illi huwa jidhirlu wkoll illi apparti l-piena karcerarja eccessiva anke l-multa ta' sebat elef lira inflitta fuqu wkoll hija esagerata. Jissottometti wkoll li fil-kors tat-trattazzjoni quddiem din il-Qorti xehdet mart l-appellanti illi tat stampa ta' dak illi ghaddiet minnu hi fil-kors taz-zwieg taghha mal-appellant u partikolarment minn meta beda jabbuza minn effetti stuperfacenti cioe' mid-droga. Din il-Qorti minghajr dubju ta' xejn tapprezza hafna t-tentattiv ta' mart l-appellant, mara serja, habrieka u ta' bzulija u ghaqal liema bhalu, li ghamlet minn kollox biex tipprova ssalva mhux biss il-familja imma anke lil zewgha u li fil-kors tas-snin kellha tikkumbatti ma' avversitajiet mhux zghar. Tifhem ukoll illi in effetti, hija sfat vittma ta' hajja sregolata rizultat tal-abbuz mid-droga da parti ta' zewgha u li d-diffikultajiet li ghaddiet minnhom kienu ingenti. Pero' ta' min wiehed josserva illi l-kaz prezenti ghalkemm verament jipprospetta xenarju ta' persuna li traffikat id-droga f'perjodu meta hi stess kienet tabbuza minnha, mhuwiex wiehed legger imma wiehed serju hafna li effettivament wasal biex persuna tilfet hajjitha.

Din il-Qorti ma tistax ma taghmilx zewg konsiderazzjonijiet :-

(i) Fl-ewwel lok, sfortunatament, illi hija m'ghandhiex diskrezzjoni f'kazijiet bhal dan prezenti tal-appellant illi taghti xi provvediment jekk mhux dak karcerarju u ta' multa flimkien kif provvist mil-ligi. Il-Qorti qed tuza l-frazi "sfortunatament" ghax jezistu kazijiet fejn tali provvedimenti jkun certament hafna aktar indikati u utli mill-pieni tassattivi b'mod assolut prefissi mil-ligi

(ii) Illi fil-fehma taghha, l-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni d-diversi fatturi li gew prospettati lilha bhala mitiganti ghall-piena li kienet obbligata illi taghti u effettivament il-piena li tat hija wahda pjuttost moderata ghac-cirkostanzi anke paragonata ma' dik inflitta f'kazijiet ohra mill-istess l-ewwel Onorabbli Qorti f'cirkustanzi simili ghalkemm mhux identici. Din il-Qorti hija sodisfatta illi l-ewwel Onorabbli Qorti kienet moderata kif inghad u li kellha fejn taghti piena kemm karcerarja kif ukoll ta' multa ferm akbar milli effettivament tat u li evidentement ma tatx pieni akbar 'il ghaliex dehrilha li kien hemm valur fis-sottomissjonijiet illi sarulha favur mitigazzjoni.

Pero', in effetti dak li qeghda tghid din il-Qorti huwa illi l-aggravju tal-appell kif koncepit u kif prezentat lil din il-Qorti, ghalkemm din il-Qorti kif inghad tapprezza u mhux ftit dak kollu li ghadda minnu hu kif ukoll u iktar minnu martu ma tarax illi tista' tinzel iktar mill-piena li giet inflitta mill-ewwel Onorabbli Qorti.

Ghal dak li huma sottomissjonijiet partikolari, dak li gie sottomess fir-rigward tat-tieni Kap tal-Att tal-Akkuza m'ghandux valur fis-sens kif qieghed jigi propost mill-appellant u fi kwalunkwe kaz m'hemm xejn x'jindika li l-ewwel Qorti ma kkunsidratx il-fattur illi qed jigi sottomess. Fi kwalunkwe kaz l-appellant huwa mfakkar ukoll li "ex admisses" ma kienx biss traffikant imma anke persuna li tabbuza mid-droga u ghalhekk l-pussess f'dan il-kaz mhux necessarjament relatat mat-traffikar jew intimament konness mieghu b'mod inxindibbli. Kwantu jirrigwarda z-zmien li l-appellant ghamel f'arrest preventiv, kif din il-Qorti kellha okkazjoni tosserva f'diversi kazijiet precedenti, l-Qorti li tat is-sentenza m'ghamlet xejn irregolari u fil-fatt waslet ghal piena ta' tmien snin prigunerija wara li kif qalet hi stess hadet in konsiderazzjoni diga' z-zmien li hu ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz.

Hemm osservazzjoni wahda, pero', li din il-Qorti tixtieq taghmel. Infatti, wara li hadet in konsiderazzjoni l-provi li instemghu f'din l-istanza dwar il-problemi li kellu l-appellant, it-treatment apparenement zbaljat li nghata ghall-problema tieghu, u l-izviluppi posittivi li issa hemm wara li tbiddel it-treatement, hija tal-opinjoni li jkun gust fl-ahjar interess ta' l-appellant fic-cirkustanzi tal-lum li flok li s-sentenza sospiza tal-25 ta' Novembru 1995 tigi attivata in forza tal-artikolu 28B (1), tapplika d-disgust tal-paragrafu 2 (b) tal-artikolu 28B tal-Kap. 9 billi tibdel l-ordni originali billi minflok il-perjodu operattiv hemm specifikat tiffissa perjodu ta' erba' snin dekoribbli mil-lum.

Kif inghad din il-Qorti m'ghandhiex alternattiva ghalkemm xtaqet li kieku ssib rimedju biex timmiljora xi ftit il-kundizzjoni kemm tal-appellant kif ukoll ta' martu u ghalhekk sejra tghaddi biex tikkonferma s-sentenza appellata.

Ghal dawn il-motivi, u salv dak li inghad diga' fuq il-ksur tal-"probation order" u s-"suspended sentence" tiddisponi mill-appell billi tikkonferma s-sentenza appellata hlief ghal dak li jirrigwarda dawk iz-zewg provvedimenti li issa huma regolati kif indikat f'din is-sentenza. S'intendi l-perjodu li l-appellant ilu jinsab taht arrest preventiv fil-mori ta' dan l-appell cioe' minn meta gie kkundannat u ntavola l-appell odjern ghandu kif stabbilit mil-ligi jittiehed in konsiderazzjoni ghal fini ta' skontar tal-piena inflitta fuqu mill-ewwel Onorabbli Qorti.

Dep/Reg
mg